# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** | **MALTI** | **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** __________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

# Ejjew inżidu l-imħabba



Għall-kurżita` għamilt tfittxija fl-internet bil-kelma *youths* u f'ħakka t'għajn ġiet quddiemi lista ta' 'l fuq minn 29,800,000 sit elettroniku li b'xi mod hu assoċjat maż-żgħażagħ jew li fih hemm din il-kelma. Sibt siti dwar kulma l-moħħ jista' jimmaġina: aħbarijiet, sports, alkoħol, droga, reliġjon, romantiċiżmu, sess, studju, karrieri, volontarjat, sbuħija, saħħa, eċċ. *(par.1)*

Minn kollox sibt. Taħlita sħiħa. U minflok għenitni biex forsi nifhem xi ħaġa iżjed dwar iż-żgħażagħ u naqsamha magħkom, din l-imbierka tfittxija iżjed ħawditni! Għalaqt u tlaqt…. *(par.2)*

Xi ftit jew wisq, u b'xi mod jew ieħor, bilfors li dawn is-siti kollha fihom xi ftit tal-verita`. Fi kliem ieħor, is-siti kollha jirriflettu xi qagħda jew oħra fil-ħajja reali taż-żgħażagħ. Iżda wara ftit tal-ħsieb indunajt li f'dawn is-siti kollha, jew aħjar dawk li dħalt fihom jien, hemm xi ħaġa komuni – it-tfittxija għall-kuntentizza, jew aħjar għas-*self-fulfillment*, kif inħobbu nsemmu u nenfasizzaw illum il-ġurnata. Kulħadd bil-mod tiegħu, kif jaf hu jew kultant kif jurihulu ħaddieħor. Min ifittex il-kuntentizza billi jagħmel il-volontarjat, min billi jkollu l-isbaħ tfajla/ġuvni, min bl-isports, min bid-droga, eċċ. Xi kultant taħlita ta' dawn ukoll. *(par.3)*

F'dawn is-siti kollha ninnutaw li ċ-ċentru ta' dan kollu hu l-*jien*. "Irrid nagħmel dan biex inħossni aħjar.."; "Dan ix-xogħol jagħmilni kuntent…"; "Bix-xorb ninsa kollox…". Faċli nindunaw li aħna ż-żgħażagħ egoisti f'dan ir-rigward. Irridu l-kuntentizza tagħna, min bil-mużika, min bis-sess, eċċ. *(par.4)*

Nagħmlu x'nagħmlu, sakemm iċ-ċentru ta' ħajjitna jibqa' l-*jien*, jew il-kuntentizza tiegħi, allura nemmen li m'aħna ser naslu qatt. X'taħsbu li kieku kellna, aħna ż-żgħażagħ kollha, niffukaw għal ġurnata waħda biss fuq il-kuntentizza ta' ħaddieħor? Nistgħu naħsbu fil-ħbieb tagħna, fil-ġenituri, ħutna, qrabatna. U dan mhux bl-intenzjoni li jien inkun iktar *fulfilled*, imma bl-intenzjoni li l-ieħor jew l-oħra, it-tfajla jew il-ġuvni, sħabi jew qrabati, nagħmilhom iżjed kuntenti, irrispettivament minn x'jibqa' fija: ferħ jew dwejjaq, għeja jew saħħa, kuraġġ jew nuqqas ta' tama. *(par.5)*

Dan kollu nistgħu niġbruh f'kelma waħda – l-imħabba. L-imħabba tgħinna ninsew ftit lilna nfusna. Kemm verament aħna, bħala żgħażagħ, qegħdin inħobbu lil ta' madwarna? Ejjew inżidu xi ftit id-doża ta' l-imħabba f'dak kollu li nagħmlu u hekk il-komunitajiet tagħna, il-ħbiberiji tagħna, il-familji tagħna, il-ħajja tagħna, ikunu verament melħ ta' l-art u dawl għad-dinja. *(par.6)*

(Addattament minn kitba ta' S. Spiteri li dehret f'*Il-Ħabbar ta' Sant'Antnin* ta' Ġunju – Settembru 2006.)

| A. FEHIM IT-TEST | (10 marki) |
|---|---|

1. Għaliex fittex fl-internet l-awtur tas-silta?

_______________________________________________(marka)

2. X'ġagħlu jagħlaq u jitlaq?

_______________________________________________(marka)

3. X'sab komuni fis-siti li daħal fihom?

_______________________________________________(marka)

4. Għaliex l-awtur jgħid li ż-żgħażagħ egoisti?

_______________________________________________(marka)

5. X'jissuġġerixxi li ż-żgħażagħ għandhom jagħmlu?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

6. X'għandu jkun l-għan tal-konċentrazzjoni fuq ħaddieħor?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

7. Taħseb li l-awtur tas-silta għandu fiduċja fl-għemil taż-żgħażagħ? Xi jġagħlek taħseb hekk?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib mis-silta: (5 marki)

   i. prepożizzjoni mqassra mill-ewwel paragrafu: __________

   ii. verb irregolari mill-ewwel paragrafu: __________

   iii. partiċella magħquda ma' l-artiklu mill-ewwel paragrafu: __________

iv. avverbju tal-kwantita` mit-tielet paragrafu: __________

v. prepożizzjoni bis-suffiss pronominali mit-tielet paragrafu: __________

2. Wieġeb kif mitlub/a: (3 marki)

i. *ninsa* hu verb (a) sħiħ _____; (b) trux _____; (ċ) dgħajjef _____.

ii. il-parteċipju passiv femminil ta' *nagħmlu* : ____________

iii. verb tal-5 forma minn *ħawditni* : ____________

**LESSIKU / VOKABULARJU**

3. Agħti kelma bl-istess tifsira flok: (3 marki)

i. tfittxija *(par.1)* : ____________ ii. assoċjat *(par.1)* : ____________

iii. doża *(par.6)* : ____________

4. Sib il-kelma mis-silta li tfisser: (3 marki)

i. qofol *(par.4)* : ____________ ii. hena *(par.4)* : ____________

iii. dawk li jiġu minna *(par.5)* : ____________

**ANALIŻI TESTWALI**

5. *f'ħakka t'għajn (par.1)* tfisser:

(a) wara ħafna żmien __; (b) fl-iqsar żmien possibbli __; (ċ) wara siegħa __. (marka)

6. *Jekk iċ-ċentru ta' ħajjitna jibqa' l-jien, allura nemmen li m'hux ser naslu.*

Liema kelma minn din is-sentenza turi ċertezza?: ____________ (marka)

7. *Xi ftit jew wisq dawn is-siti kollha fihom xi ftit tal-verita`. Fi kliem ieħor kollha jirriflettu xi qagħda jew oħra fil-ħajja reali taż-żgħażagħ.*

Liema sentenza ma tistax tgħaddi mingħajr l-oħra, l-ewwel jew it-tieni?

________________________ (2 marki)

**SINTASSI**

8. Ikteb din is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tbiddel it-tifsira tagħha:

*Nagħmlu x'nagħmlu, sakemm iċ-ċentru ta' ħajjitna jibqa' l-jien, allura nemmen li m'aħna ser naslu qatt.*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(2 marki)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

1. Kompli b'idjoma xierqa: (2 marki)

   L-istudenti ħolqu proġett mill-aqwa. Trid tara lill-għalliem li ggwidahom! Kemm deher hieni! Wiċċu ______________________________________________

2. Fisser il-qawl miktub korsiv: (2 marki)

   Pawlu minn dejjem xtaq jagħmel xogħol volontarju barra minn Malta. Fl-aħħar, *mal-berqa qabeż għall-qargħa.*

   ______________________________________________________________

## D. MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel a **jew** b. Ikteb madwar **80** kelma:

a. Int membru ta' l-*Għaqda Ngħinu lil Xulxin* ta' Ħal Muxi u talbuk tkellem lit-tfal tal-primarja dwar kif għandna nġibu ruħna ma' l-anzjani. X'pariri ser tagħtihom?

***Jew***

b. Fis-sajf li għadda ħadt sehem f'xogħol volontarju li sar fost it-tfal iltiema ta' Ħal Muxi. Ikteb rapport f'ġurnal lokali dwar l-esperjenzi tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Ikkummenta dwar **wieħed** mill-aspetti tal-proġett ***L-Oqsma ta' l-Għerf tal-Kultura Maltija*** li għamilt tiftix dwaru din is-sena. Ikteb madwar **40** kelma.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

### (i) L-ISQAQ / ANESTESIJA (10 marki)

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**. Ikteb madwar **50** kelma:

a. ***L-Isqaq*** hu rumanz realistiku għax jurina kif "is-sinjurija u l-faqar imxew id f'id". Ikkummenta billi tagħti xi eżempji mir-rumanz.

***Jew***

b. Aktar milli komiku, il-qofol tad-dramm ***Anestesija*** hu traġiku. Ikkummenta billi tirreferi għal xi sitwazzjonijiet mid-dramm.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(ii) QAWSALLA – REFERENZA GĦALL-KUNTEST** (10 marki)

Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

# Lullaby – Lil Yevgeny

orqod fil-fond u ogħdos fil-mewġ tajjar
tal-ħolm trankwill
orqod ibni orqod

int titfagħni taħt giljottina ta' biża' ġdid
u ttaqqalli msarni ħobla tweghir
meta tħarisli f'għajnejja
minn fuq il-midbaħ tari ta' jiemek inħoss
il-kundanna miktuba tikwi fuq ġbini
għidli
tarani miftuħ beraħ jew magħluq u mtappan
ħġieġa bit-trab tarani sħun jew biered
jew muntanja silġ
tissemma' 'l-vixxri ta' qalbi kamra tal-gass
jew minfaħ pulmuni jħabbtu n-nifs li rrid
inrejqek bih jew mod ieħor
orqod fil-fond u ogħdos fil-mewġ tajjar …
iżda għada
meta x-xemx titwerriċlek f'ballun maħruq
tfittixx il-kenn taħt dawn l-arkati fraġli kustilji
mgħawġin ħnejjiet tal-ġelu rħis
li fuqhom bnejt
il-koppli kumplessi ta' ħajti biċ-ċnagen
tal-kompromess
ibni
taranix ġgant għax ġgant m'iniex
u jekk xi darba l-ass idur imiss lilek
għad tifhem li jien u int m'aħniex wieħed
ukoll jekk demmi demmek w għadmi għadmek
ukoll jekk noħolmok imdawwar bin-narċis tal-wied
nindiehex nitfixkel maġenbek
orqod fil-fond u ogħdos fil-mewġ tajjar
tal-ħolm trankwill
orqod ibni orqod
u issa
se nitfi l-bozza biex ma nilmaħx
is-sentenza li jilmaw għajnejk.

*Mario Azzopardi*

1. Lil min qiegħed jindirizza l-poeta?

__________________________________________________________(marka)

2. Sib metafora mill-ewwel strofa:

_______________________________________________(marka)

3. Sib personifikazzjoni minn versi 17 sa 20:

_______________________________________________(marka)

4. Il-poeżija hi miktuba bla punteġġjatura u b'versi ta' tul differenti. Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

5. Għaliex din il-poeżija tqiegħdet fit-taqsima ***Ir-Rispett fil-Familja*** ? (5 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**(iii) QAWSALLA : KOMPONIMENT LETTERARJU** (10 marki)

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**. Ikteb madwar **150** kelma fuq karta separata:

a. Il-kittieb Malti jweġġa' meta jara l-istat attwali ta' l-ambjent ta' madwarna. Ikteb dwar il-protesta kontra l-qirda ta' l-ambjent kif tidher f'xi kitbiet li nsibu fit-taqsima ***Il-Protesta***.

***Jew***

b. Fit-taqsima ***Ir-Rispett fil-Familja*** niltaqgħu ma' relazzjonijiet li jservu ta' eżempju għalina lkoll. Agħmel referenza għal xi wħud mill-kitbiet f'din l-istess taqsima.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **350** kelma fuq karta separata:

1. Kull qalb trid oħra.
2. Dakinhar vera ħadt gost nagħti daqqa t'id …
3. Iż-żgħożija – l-isbaħ jew l-ikraħ żmien?
4. Il-ġirien.
5. Kemm nieħu gost nisserfja fl-internet!
6. Fil-jum tal-festa tar-raħal/belt fejn noqgħod.